**Kulleġġ Santa Margerita**
**Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2015**

| **Ir-Raba' Sena** | **Malti Kitba** | **Ħin: Siegħa u Kwart** |
|---|---|---|

**Isem: ________________________________________ Klassi: ______________**

| | Il-Qari u l-Kitba |
|---|---|
| Il-marki ta' din it-Taqsima | 60 marka |
| Il-marki tal-istudent/a | |

Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb ismek u kunjomok, u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn.
- Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

| Taqsima A | Il-Qari | 30 marka |
|---|---|---|

**Aqra sew din l-istorja:**

## Sirna Ħbieb



Persjanu dara ġmielu ċ-ċnut tal-btieħi tal-inħawi. Erħilu jittawwal u jifli l-għoli ta' kull wieħed, barra li jgħarrex l-ambjent u kull min joqgħod fih. Miskin Persjanu! Min ikeċċih minn hawn u min ikeċċih minn hemm. "Kemm jien xortija ħażina!" kien sikwit jgħid bejnu u bejn ruħu. "Biex niekol ikolli niġġerra, infittex fil-boroż u l-laned jew nara naħtafx xi ħuta minn xi mkien." (par 1)

Darba waħda, waqt li kien qed jagħmel is-soltu ronda tiegħu lemaħ tifla żgħira tilgħab u tifraħ mal-kelb tagħha. Dan kif induna bih, malajr beda jinbaħ qisu jrid inaffru minn hemm. Persjanu nħasad u nġibed lura biex ma jarahx u qagħad jissemma' u jhewden fuq xortih. (par 2)

"Biżżejjed, Nokklu!" għajtet it-tifla. "Dak iħobbok u ġie jarak. Għaliex qed tbeżżgħu?" (par 3)

Nokklu waqaf u t-tifla ssoktat tgħidlu, "Isa, agħmlu ħbieb. Jien inħobbkom it-tnejn!" Hawn reġa' beda jinbaħ mill-ġdid, donnu din m'għoġbitux. "Fuq kollox, int u Persjanu ma tiklux l-istess ikel. Lilek m'hu se jeħodlok xejn. Ara ma terġax!" (par 4)

Għal dan il-kliem Persjanu reġa' ttawwal. It-tifla donnha kienet qed tistennieh. Qaltlu li se tmur iġġiblu xi ħaġa x'jiekol. L-ewwel tat l-ikel lil Nokklu u mbagħad tat lilu. Kemm feraħ Persjanu! (par 5)

Persjanu għamel kuraġġ. Issa beda jmur hemm kuljum. Nokklu issa drah u ma baqax jgħajjat għalih. Persjanu kien jaqbeż għal ġol-bitħa u t-tifla kienet tħaddnu magħha waqt li tibqa' tilgħab ma' Nokklu. It-tlieta saru ħbieb sew, iżda l-aktar li kien kuntent kien Persjanu li fl-aħħar sab xortih. (par 6)

**1. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel (x) fil-kaxxa.** (3 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| a) | Din l-istorja hija dwar | | fenek. |
| | | | għasfur. |
| | | | qattus. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| b) | Darba waħda Persjanu ltaqa' ma' | | tifla u l-qattus tagħha. |
| | | | tifla u l-kelb tagħha. |
| | | | tifel u l-kelb tiegħu. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| ċ) | Sidt Nokklu | | beżgħet minn Persjanu. |
| | | | keċċiet lil Persjanu. |
| | | | ferħet b'Persjanu. |

**2. Poġġi dawn is-sentenzi fl-ordni ta' kif ġrat l-istorja billi tikteb in-numru ħdejhom.**

(5 marki)

| | |
|---|---|
| It-tifla sikktet lil Nokklu u ħalliet lil Persjanu jiġi ħdejha. | |
| Dik it-tifla tat x'jiekol lil Persjanu. | |
| Nokklu beda jinbaħ għal Persjanu. | |
| Persjanu huwa qattus li jgħix barra. | 1 |
| It-tifla tat x'jiekol lil Nokklu. | |
| Persjanu resaq lejn tifla u Nokklu l-kelb tagħha. | |

**3. Sib kelma jew frażi qasira mill-istorja li tfisser l-istess bħal:** (5 marki)

a) ta' spiss (par. 1) ______________________

b) ra (par. 2) ______________________

ċ) kompliet (par. 4) ______________________

d) tgħannqu (par. 6) ______________________

e) ferħan (par. 6) ______________________

**4. Qabbel dawn is-sentenzi b'mod li jagħmlu sens.** (5 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | Il-qtates huma annimali | | jħobbu jżommu xi qattus jew kelb id-dar. |
| b. | Hawn ħafna nies li | **a** | ndaf ħafna. |
| ċ. | L-annimali jżommu | | kull ġurdien li jara. |
| d. | Il-qtates iħobbu jixorbu | | ma tantx huma ħbieb ta' xulxin. |
| e. | Il-qattus jiġri ħafna wara | | kumpanija lil min m'għandu ' l ħadd. |
| f. | Il-qtates u l-klieb | | ħafna ħalib. |

**5. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.** (12-il marka)

a) Kif kien iqatta' l-ġurnata Persjanu? (par. 1)

______________________________________________

______________________________________________

b) Min kien Nokklu? (par. 3)

______________________________________________

______________________________________________

ċ) Għalfejn taħseb li Nokklu beda jinbaħ għal Persjanu? *(par. 2)*

______________________________________________

______________________________________________

d) Lil min tat jiekol l-ewwel? *(par. 5)*

______________________________________________

______________________________________________

e) Minn dakinhar 'l hawn x'beda jagħmel Persjanu? *(par. 6)*

______________________________________________

______________________________________________

f) X'kienet ix-xorti li sab Persjanu? *(par. 6)*

______________________________________________

______________________________________________

| Taqsima B | Il-Kitba | 30 marka |
|---|---|---|

**1. Aħdem l-eżerċizzju skont ma' jgħidlek fil-kaxxi tal-ġenb.** (6 marki)

L-ewwel waħda hija eżempju.

| | | |
|---|---|---|
| a. | Is-**<u>subien</u>** marru jistadu. | Il-**plural** ta' tifel. |
| b. | It-tifla għandha ballun ________________. | **Aġġettiv** li jaqbel. |
| ċ. | Omm il-ħabiba tiegħi jisimha ________________. | Ikteb **Nom Proprju.** |
| d. | Il-President bagħat ________________ vapuri għall-gwerra. | Kelma waħda li turi **ġemgħa**. |
| e. | Il-kelb ________________ ried jidħol fid-dar. | Il-**kontra** ta' **nadif**. |
| f. | In-nannu tela' fuq is-________________. | Ikteb <u>sellun</u> **jew** <u>sellum</u>. |
| ġ. | ________________ lil min jagħmillek id-deni. | L-Imperattiv ta' **ħafer**. |

**2. Ikteb b'punteġġjatura tajba.** (4 marki)

a) persjanu u nokklu kienu jieħdu gost jilagħbu flimkien

____________________________________________________________

____________________________________________________________

b) it-tifla lil nokklu qaltlu tgħajjatx

____________________________________________________________

____________________________________________________________

**3. Il-Kitba ta' Avviż.** (5 marki)

Ikteb avviż qasir biex tgħid li l-Ħadd li għadda sibt kelb iswed ħdejn il-knisja ta' Bormla. Tinsiex tagħti mezz ta' kif sidu jista' jkellmek.



**5. Il-Komponiment.** (15-il marka)

Uża l-immaġinazzjoni tiegħek u ikteb komponiment ta' mhux aktar minn għaxar (10) sentenzi dwar **wieħed** minn dawn.

a) **Ġurnata għand in-nanna Ċensa.**

*Irrakkonta x'għamilt u x'rajt għand in-nanna.*

b) **Immaġina li int statwa fi ġnien pubbliku.**

*Ikteb dwar xi statwa int u dwar dak li tara u tisma' matul il-ġurnata.*

ċ) **L-ikel favorit tiegħi.**

*Ikteb dwar l-ikel favorit tiegħek. Għid xi tħobb u min isajru.*

d) **Toninu jħobb l-ambjent.**

*L-istampa t'hawn taħt tista' tgħinek.*



**Spazju biex tagħmel il-pjan tiegħek. (bla marka)**

**Se nikteb fuq komponiment**: ______ (Ikteb **a**, **b**, **ċ** jew **d**)

TMIEM IL-KARTA